MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 481/2008

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Softual Developments Co. Ltd.**
**(C-34456)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Gunju, 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro457.61c rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 21821488 u 21827488 (AC 40041508) kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. IZY 1 u IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni ta` rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment rapprezentant tas-socjeta` konvenuta naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta` Jannar, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro457.61c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------